**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 16 ta' Mejju 2001**

**Numru 10**
**Citaz. Nru. 518/97 FDP**

**Raymond Pace u martu Rita ghal kull interess li jista jkollha.**
**Vs**
**Easysell Caterers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta ghal zmien definit sa l-24 ta' Lulju 1998, u dan b'kuntratt ta' xoghol maghmul fil-5 ta' Mejju 1995 (Dok A), u ffirmat miz-zewg kontendenti f'din il-kawza;

Premess illi l-impjieg ta' l-attur mas-socjeta` konvenuta kien itterminat mill-istess socjeta` konvenuta b'effett mill-10 ta' April 1996, u dan minghajr gustifikazzjoni fil-ligi, u di piu` bi ksur ta' l-Artikolu 34(11) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta;

Premess illi b'din l-istess tkeccija, l-attur soffra danni konsistenti f'telf ta' paga u beneficcji ohra skond il-ligi u l-kuntratt ta' l-impjieg tieghu;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi t-terminazzjoni mill-impjieg ta' l-attur mis-socjeta` konvenuta saret minghajr gustifikazzjoni fil-ligi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur kagun ta' din it-tkeccija ngustifikata;

3. Tikundanna lis-socjeta` konvenuta thallas id-danni hekk likwidati lill-attur in linea mat-Tieni Domanda hawn fuq maghmula.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra is-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u il-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta illi fiha eccepiet:-

Illi l-azzjoni attrici kienet kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt stante t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-attur saret minhabba raguni gusta fil-ligi;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara illi l-impjieg li huwa kellu mas-socjeta` konvenuta gie minn dina l-istess socjeta` terminat minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u talab il-likwidazzjoni tad-danni minnu sofferti, u li tikkundannaha thallas ta' dawn id-danni;

Illi minn naha taghha is-socjeta` konvenuta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha eccepiet illi meta kecciet lill-attur dana ghamlitu ghal raguni gustifikata fil-ligi;

Illi harsa lejn dina l-kawza malajr tindika illi ghalkemm ilha li giet intavolata aktar minn erba' snin fiha ma sar kwazi xejn nonostante id-diversi udjenzi li inzammu hlief li l-attur, wara hafna zmien, ipprezenta affidavit bil-verzjoni tieghu illi kien ukoll nieqes mid-dokumenti li huwa fl-istess affidavit stqarr li kienu isostnu t-tezi tieghu; oltre dan l-attur kien ipprezenta kontestwalment mac-citazzjoni kopja tal-kuntratt ta' impjieg li kellu mas-socjeta` konvenuta;

Illi minn naha taghha is-socjeta` konvenuta ma pprezentat ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjoni taghha u anqas uriet xi interess f'dina l-kawza b'dan nonostante li kien hemm diversi seduti biex taghmel dan u li l-kawza ghal lum kienet thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Illi ghalhekk il-Qorti kienet kostretta thalli l-kawza biex tigi deciza fuq il-provi li kienu lahqu tressqu mill-kontendenti.

Illi fl-ahhar is-socjeta` konvenuta ipprezentat rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza peress li riedet tressaq il-provi taghha u l-Qorti ma ippronunzjatx is-sentneza;

Illi wara dan l-attur ipprezenta xi dokumenti li huwa semma' precedentement u anki ressaq lix-xhud Donald Pace Bonello li kien il-persuna fuq l-attur. Illi anki f'dan l-istadju is-socjeta` konvenuta naqset li tressaq provi ghalkemm inghatat bosta possibilitajiet biex taghmel dan;

Illi mill-fatti quddiemha il-Qorti tifhem li l-attur irnexxielu jipprova il-premessa tieghu li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret minghajr gustifikazzjoni fil-ligi; Huwa spjega kif l-ewwel kien impjegat mas-socjeta` konvenuta b'impjieg permanenti u imbaghad talbuh biex jibdlu f'wiehed ta' terminu u t-talba odjerna qed tigi intavolata in forza ta' l-imsemmi kuntratt;

Illi skond id-dokument esebit jihder illi dan l-impjieg beda fis-sehh fil-25 ta' Lulju 1995 u fi kliem l-istess attur: "*Fl-ewwel ta' Awissu 1995 jiena bdejt naqdi dmiri fl-impjieg il-gdid tieghi fit-Topaz Hotel*". Illi fl-affidavit tieghu huwa kompla jispjega ic-cirkostanzi u d-diffikultajiet li inqalghu wara li beda in vigore dan l-impjieg u mill-kontenut ta' l-imsemmi affidavit, il-Qorti tara li s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda raguni li tittermina hesrem l-impjieg li kien gie miftihem bejn il-kontendenti; skond l-istess attur il-manager tal-post fejn kien qed jahdem, meta l-attur staqsieh ghaliex kienu jriduh jirrezenja, qallu li ma kienx hemm ebda raguni ghaliex huwa kellu jirrezenja u lanqas kien hemm raguni ghaliex huma kellhom ikeccuh, izda kull ma kien qed jaghmel kien qed jobdi l-ordnijiet moghtija lilu; huwa sinifikattiv illi l-istess manager wara li stqarr li ma seta' jsib l-ebda raguni ghaliex kienu qeghdin jaghmlu hekk lill-attur huwa stess ha interess u ghinu biex ikun jista' jsib impjieg iehor;

Illi ghalkemm inizjalment il-Qorti ma kellhix il-verzjoni ta' l-imsemmi manager li kien Donald Pace

Bonello, l-attur ressqu aktar tard u l-Qorti kellha okkazjoni taghmel id-domandi rilevanti; dan ix-xhud ikkonferma il-verzjoni attrici; dana kollu jindika li l-attur irnexxielu jipprova sodisfacentement l-ewwel premessa tieghu;

Illi dwar il-kwistjoni tad-danni, il-Qorti taghmel referenza ghall-iskrittura ta' impjieg esebita mac-citazzjoni u minn din tifhem illi l-attur ghamel sena wahda mit-tlieta miftehma ghaliex kien f'Mejju illi huwa inghata l-ittra ta' tkeccija. Il-Qorti tikkonsidra illi l-ewwel sena l-attur ghaddiha fl-impjieg skond l-iskrittura;

Illi ghalhekk il-kwistjoni tad-danni tirrigwarda t-tieni u t-tlieta sena illi fihom skond l-istess ftehim l-attur kellu jircevi hamest elef u erba' mitt lira Maltin (Lm5400) u sitt elef lira Maltin (Lm6000) rispettivament. Illi skond l-istess attur is-salarju tieghu il-gdid kien jammonta ghal tlett elef u sitt mija u erbghin lira Maltin (Lm3640) fis-sena u ghalhekk id-differenza netta bejn dak li qalha fis-sentejn in kwistjoni tammonta ghal erbat elef, mija u ghoxrin lira Maltin (Lm4120); il-Qorti pero` tikkonsidra illi kien hemm varjazzjoni ukoll fl-ammont ta' taxxa illi kellha tithallas u anke fil-kontribuzzjonijiet ta' l-impjegati oltre iz-zieda illi l-attur seta' kellu fis-sentejn li ghamel fl-impjieg tieghu;

Il-Qorti fin-nuqqas ta' provi ahjar, sejra tiddeciedi l-ammont ta' danni, konsiderando ic-cirkostanzi li jidhrilha probbabbli u ragjonevoli,

fis-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3500).

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta tterminat l-impjieg ta' l-attur minghajr gustifikazzjoni fil-ligi;

Tiddeciedi t-Tieni Domanda billi tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur bhala rizultat ta' din l-istess tkeccija ingustifikata fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3500);

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3500) lill-attur kif mitluba fic-citazzjoni; bl-imghax kummercjali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-istess socjeta` konvenuta.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur